Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,311, 30 ta' Lulju, 1996
Taqsima B

A.L. 145 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. XII TA' L-1996)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm3,500,000 addizzjonali 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1996 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a), ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm3,500,000 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (IV) ma' l-Lm4,000,000 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (IV) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 126 ta' l-1996 ippubblikat fit-28 ta' Ġunju, 1996, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (IV) ikun ta' Lm7,500,000. L-applikazzjonijiet kollha li waslu sad-data ta' l-għeluq 20 ta' Lulju, 1996 ser jiġu milqugħa.